Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Numru. 164/2003

Il-Pulizija
(Spettur Norbert Ciappara)

Versus

David Gatt.

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra David Gatt ta' 24 sena mwieled l-Imtarfa fis-17 ta' Frar 1977 bin Alfred u Rita nee Azzopardi residenti Flat 3 Mayfair Flats Triq il-Pijunieri Bugibba
U detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 153677 (M)

Akkuzat talli

(a) Fit-2 ta' Mejju 1999 forna jew ipprokura jew offrfa li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fl-

Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tgal-1939 ghall-Kontroll Intgern tad-Drogi perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien ifl-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-espeotazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzatg li jimmanifattur jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-egoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussessgwentgement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) fil-25 ta' Mejju 1999 u granet qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina u eroina specifikati fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id-dispozizzjoni tar-REab' u s-Sitt Taqasima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(c) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa Hal-Qormi zamm arma tan-nar u munizzjoni jew kellu f'idejh jew fqu il-persuna tieghu arma tan-nar jew munizzjon minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 50 al-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Appell , liema sentenza saret defintiva u ma tistax tinbidel u nghatat fis-17 ta' Gunju 1998;

(e) u aktar talli kiser il-kundizzjoni ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret sentenza definittiva u ma tistx tinbidel fil-15 ta' Dicembru 1998.

2. Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali tal-31 ta' Lulju 2002, ic-certifikat tat-twelid tieghu 1536 tal-1977, il-fedina penali tal-imputat, l-istqarrija tal-imputat (fol 26 et), il-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr.Myriam Hayman intititolat 'Stqarrija ta' Mario Borg' , id-dikjarazzjoni maghmula mid-difiza li r-rifle pprezentat kien jaqa' that l-Arms Ordinance, il-hatra tal-Ispizjar Mario Mifsud bhala analista u r-rapport tieghu u vera kopja tas-sentenza 'Il-Pulizija vs Jesmond Camiller' kif mitluba mid-Difiza

4. Semghet ix-xhieda bil-gurament.

5. Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

6. Illi skond il-Prosekuzzjoni, l-imputat u xi persuni ohra kienu twaqqfu hdejn il-polyclinic ta' Hal-Qormi fejn kienu twaqqfu u saret tfittxija gol-karozza li kienet misjuqa minn certu Jesmond Camilleri. Fil-karozza nstabu diversi

ammonti ta’ sustanza suspettati kemm eroina kif ukoll kokaina.

7. Mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta l-imputat u zewg persuni ohra kienu ftehmu biex jixtru tliet grammi kokaina u gramma eroina. L-eroina u l-kokaina kienet inxtrat bejn tlieta min-nies u wara dahlet persuna ohra li hallset Lm10 li hallas lil wiehed mill-persuni sabiex
Dan tal-ahhar jaghtih id-droga tieghu. Kulhadd hallas tieghu separatament. (fol 27). Id-droga kieent sejra tinqasam skond kemm kienu hargu flus. L-imputat cahad li kien ta xi pakkett kokaina lil certu Mario. (fol.27). Sal-Hadd ta’ qabel kien uza ekmm l-eroina kif ukoll il-kokaina. L-imputat innega li qatt beigh xi droga. Qal ukoll li r-rifle li nstabet fil-karozza mhux tieghu.

8. Xehed Jesmond Camilleri li qal li l-Pulizija kienet sabet xi eroina. Kienu hargu l-flus bejn tlieta. A fol 33 dan ix-xhud stqarr li l-flus kien zammhom hu.

9. Rega’ ttella’ jixhed a fol 62 et. Huwa qal li kienu xtraw id-droga bejniethom u din kienet eroina u coke. **Huma kienu avvicinati mill-bejjiegh u resaq in-naha ta’ David Gatt. Il-flus kienu f’idejn l-imputat u d-droga zammha David Gatt.**

10. WPS 45 Marisa Bartolo ddeskriviet kif kienu waqqfu l-karozza wara li raw zaghzugh diehel fil-polyclinic ta’ Hal-Qormi. Fuq id-dashboard kien hemm pakkett zghir suspettat bid-droga. Lill-imputat ratu jitfa xi haga taht is-seat li kwazi geit hdejn saqajn il-passiggier ta’ warajh. (Fol 38).

11. PS 1086 Johann Micallef ikkorrobora x-xhieda moghtija minn WPS 45 Marisa Bartolo. Huwa qal li that is-seat tal-passiggier kein hemm borza suspettata eroina u kien hemm borza ohra fuq id-dashboard. Lil certu Mario Borg kienet saret tfittxija fuq il-persuna tieghu u nstab pakkett fil-kalzetta. (Ara wkoll ix-xhieda ta’ Cleon Pursehouse a fol 112).

12. Xehed ukoll Mario Borg li qal li l-pulizija kienu sabu eroina u kokaina. Lil dan ix-xhud kienu tawh xi naqra coke. Huwa ssikka lill-imputat li tah xi naqra zghira tal-hbieb. Il-Qorti hawn qrat l-istqarrija li kien ghamel l-imputat quddiem il-Magistrat Myriam Hayman. A fol 83 fix-xhieda nsibu dan il-kliem:

**‘Meta kont fit-triq jiena staqsejt lil David jekk kellux xi haga cioe’ kellux stuff droga. U hu qalli ser naghtik naqra coke ta’ hbieb u dak il-hin stess hu tani pakkett tal-karti b’naqra coke.’**

13. Hawn ix-xhud ikkonferma din is-silta mill-istqarrija li kien ghamel hu stess quddiem il-Magistrat Miriam Hayman.

14. Huwa kkonferma wkoll li meta waqqfuhom is-CID huwa kien nizel jahbi n-naqra kokaina li kien tah David Gatt. Huwa kkonferma li David Gatt kien tah id-droga b’xejn.

15. Fil-kontro-ezami (Ara fol.89) dan ix-xhud baqa’ jghid li hu kien qed jitkellem (u mhux jiddilja) mal-imputat u l-impressjoni tieghu kienet li kien qed jiehu d-droga minn ghand l-imputat (Fol.91).

16. L-Ispizjar Mario Mifsud stabilixxa li kienu nstabu 0.314 grammi ta’ eroina u 3.854 grammi ta’ kokaina

17. Xehed l-Ispettur Pierre Attard. Huwa kien involut fi tfittxija fir-residenza ta’ David GAtt u kienu nstabu xi affarijiet relatati mad-droga.

18. Fl-ahharnett xhedet Vicky Scicluna. Jirrizulta li l-imputat kien ghamel programm mal-Caritas u meta spicca mill-programm baqa’ clean ghal xi xhur. L-imputat wera x-xewqa li jerga’ jaghmel programm ghax hass li hajtu kienet iddominata mid-droga. Meta nghata c-cans l-imputat zamm kuntatt mas-social worker tieghu. L-imputat qed ikun ippreparat biex jidhol fil-programm immexxi mill-Oasi.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

## L-ewwel Imputazzjoni

19. Minn dawn il-provi kollha jirrizulta b'mod car dawn iz-zewg elementi:

(a) li kien l-imputat li ghadda d-droga lil Mario Borg ukoll jekk dan sar bla ma Mario Borg hallas. L-imputat ta d-droga lil Mario Borg wara li Mario Borg kien issikka lill-imputat biex l-imputat jaghtih id-droga. Mill-provi jirrizulta li d-droga kienet intiza sabiex tkun ikkonsmata fuq il-post, jigifieri fil-karozza. Kien ghalhekk li persuna li kienet fil-karozza marret iggib is-siringi mill-poliklinika.

(b) Mix-xhieda ta' Jesmond Camilleri jirrizulta wkoll li l-bejjiegh resaq in-naha ta' David Gatt u li d-droga zammha l-istess David Gatt.

20. Skond l-imputat l-ghazla li jmorru jinqdew minn ghand persuna partikolari kienet ta' kulhadd. (Ara stqarrija a fol 27).

21. M'hemmx prova li l-imputat gabar il-flus hu u mar jiddilja hu. Il-fatt li min forna d-droga waqaf hdejn it-tieqa tal-imputat (li kien rikeb fis-seat tal-passiggier) u li l-imputat zamm id-droga hu jqanqal is-suspett izda mhux prova b'sahhitha bizzejjed u 'l hemm minn kull dubju ragonevoli li kien l-imputat li qed jaghmilha tal-protagonist ghall-akkwist tad-droga.

22. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni ghaliex l-imputat ta d-droga lil Mario Borg u konsegwentement kien forna d-droga kokaina. Ghal din ir-raguni l-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni. Izda mhux qed issibu hati li gabar il-flus ta' shabu hu u ha hsieb kollox hu **ghax ta' dan m'hemmx prova cara.**

## It-Tieni Imputazzjoni

23. Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti qed tiddeciedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni ghaliex fil-jiem ta' qabel id-data indikata (frazi uzata fl-imputazzjoni) l-imputat tassew kien fil-pussess kemm tal-kokaina kif ukoll tal-eroina . Dan ghaliex stqarru l-imputat stess a fol 26 u a fol 27. Meta kien qed iwiegeb ghall-mistoqsija:

*'Meta l-ahhar l-uzajt d-droga eroina u kokaina?'*

Huwa qal

*'Il-Hadd stess jiena uzajt diversi drabi kemm jiena u kemm Jesmond.'*

24. Il-pussess ta' l-eroina u l-kokaina huwa marbut, ma' data ohra minn dik indikata ghall-ewwel imputazzjoni (li hija limitata ghall-forniment ta' kokaina biss) u ghalhekk, waqt li l-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni, ma tistax tqis din l-imputazzjoni bhala assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni - Zamma ta' arma tan-Nar**

25. Dwar din l-imputazzjoni hemm id-dikjarazzjoni tad-difiza li l-arma li nstabet fil-karozza taqa' taht id-definizzjoni moghtija fil-Kap 66 (l-antik ghax dak kien iregi fl-1999). Izda m'hemm ebda dikjarazzjoni ta' ammissjoni. L-imputat cahad li kienet tieghu u ebda xhud ma ttella' li rabat l-arma mal-imputat. Ghaldaqstant il-Qorti qed tilliebra lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

**Ir-Raba' Imputazzjoni –Ir-Recidiva**

26. Il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni ghaliex ma kienet ipprezentata ebda sentenza li turi li l-imputat kien instab hati qabel.

**Il-Hames Imputazzjoni – Ksur ta' kundizzjoni**

27. Il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni ghaliex ma kienet ipprezentata ebda sentenza li turi li l-imputat ksier xi kundizzjoni. Il-fedina penali ma taghmilx prova ghal dan il-ghan.

**Konkluzjoni.**

28. Il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, l-artikolu 3(1) tal-Kap 66 (kif kien fl-1999), l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, u l-artikolu 23 tal-Kap 446 issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tat-tieni imputazzjoni u qed tilliberah mit-tielet, mir-raba' u mill-hames imputazzjoni.

29. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra zewg fatturi:

(a) it-trapass taz-zmien;
(b) dwar l-ewwel imputazzjoni (fejn l-imputat instab hati li ta d-droga lil Mario Borg) il-Qorti qed tapplika l-proviso introdott bl-Att XVI tas-sena 2006 fil-Kap 101 u dan minhabba li l-provi juru li li d-droga kienet ser tkun ikkonsmata fuq il-post. L-imputat huwa mwiddeb li l-proviso jinghata darba biss.

30. Ghalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa minhabba li nstab hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni li tammonta ghal €900 liema multa tista' tithallas b'rati ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat mil-lum. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parfti mill-multa ma tithalalsx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Ewros mhux im]allasin.

31. Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti qed tikkudnana lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-espert mahtur mill-Qorti li jammontaw ghal (Lm148.68) jigifieri €347.91.

32. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga that is-sorveljanza tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------